**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 2 ta’ Frar 2016**

**Rikors Numru: 51/2014**

**Michael Lawrence Borg**

**Vs**

**Direttur Generali tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura u b’digriet tas-6 ta’ Marzu 2015 gie kjamat fil-kawza l-Onorevoli Prim’Ministru**

It-Tribunal,

Ra r-Rikors ta’ **Michael Lawrence Borg** ipprezentat fit-23 ta’ Gunju 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*“Illi huwa applika ghal sejha li saret fi hdan l-intimati, sabiex jigi meqjus ghal post ta’ ‘Cleansing Officer’ u dana hekk kif sar permezz ta’ sejha b’cirkulari numru 2/2004 datatat 14 ta’ Jannar 2014;*

*Illi l-esponenti fl-4 ta’ Marzu 2014, jew xi jiem vicin dina d-data, gie mgharraf li huwa ma’ kienx gie maghzul, anzi li kien gie fit-tielet (3) post u l-ghazla suppost kellha tkun ta’ persuna wahda. Ifisser dan li l-esponenti ma kienx gab bizzejjed marki sabiex ikun jista jottjeni dan ix-xoghol;*

*Illi l-esponenti jaf minn kienu l-individwi li gabu izjed marki minnu f’dan l-ezercizzju u ghandu f’idejh, provi inkonfutibbli li l-marki gew moghtija lil dawn iz-*

*zewg persuni mhux ghax necessarjament kien verament jisthoqqilhom, izda ghaliex fit-tqassim tal-marki saru irregolaritajiet abbuzivi b'direzzjoni univoka li jigu maghzula certi individwi. Illi l-agir tal-intimati f'dan l-ezercizzju huwa wiehed abbuziv ghall-ahhar kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi;*

*Illi l-esponenti appella r-rizultat lilu moghti quddiem il-PSC, izda l-intimati baqghu isostnu l-pozizzjoni taghhom;*

*Illi l-esponenti jikkontendi bid-dovut rispett li l-process ghandu jerga jigi istitwit u li l-ezercizzju jkun wiehed korrett u oggettiv u mhux deciz a priori minn qabel kif sehh;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitlob bhala rimedju ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta illi:-*

1. *L-ezercizzju ghal ghazla ta' xoghol ta' 'Cleansing Officer' skont ic-cirkolari 2/2014 datata 14 ta' Jannar 2014 terga` ssir mill-gdid u l-marki jinghataw kif l-applikanti ikun verament haqqhom. Per konsegwenza r-rizultati s'issa moghtija jigu meqjusa bhala nulli u bla effett;*
2. *Fin-nuqqas tordna illi l-marki tal-esponenti jergghu jigu riveduti b'mod korrett u ekwu bil-ghan li huwa jkun maghzul ghax-xoghol mertu ta' dan ir-rikors;*
3. *Tiehu u tordna kull rimedju opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tad-**Direttur Generali tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura** ipprezentata fis-17 ta' Lulju 2014 li permezz taghha ippremetta s-segwenti:-

" A. ***<u>In Kwantu għall-Eċċezzjonijiet:</u>***

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, id-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet u Infrastruttura m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet mressqa fil-proċeduri odjerni stante li huwa ma wettaq ebda egħmil amministrattiv li jista' jiġi sindakat minn dan it-Tribunal skond il-liġi. Anzi għandu jingħad li skond l-artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni Ta' Malta "is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku" u konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż interament tar-rikorrent;*

*2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari ukoll, l-esponenti jsostni illi dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex il-forum idoneju sabiex jisma' l-ilment tar-rikorrent stante li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija limitata għall-każijiet hekk kif elenkati taħt il-kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta u fi kwalunkwe' każ, ħatriet fis-servizz pubbliku huma regolati b'leġislazzjoni speċjali u l-Kodiċi għas-Servizz Pubbliku li ma ma jaqgħux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal;*

*3. Subordinatament fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet imressqa mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mill-informazzjoni li għandu, l-*

*Bord ta' l-Għażla fil-proċess ta' l-għażla għamel użu minn kriterji oġġettivi li kienu predeterminati u għalhekk ma setgħu qatt ikunu abbużivi hekk kif allegat mir-rikorrenti, u dana kif ser jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Illi fil-mertu ukoll, għandu jingħad illi konsegwenti għall- kontestazzjoni mressqa mir-rikorrenti quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, r-riżultat tal-Bord ta' l-Għażla ġie debitament skrutinizzat mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, mhux darba iżda darbtejn u fiż-żewġ okkażżjonijiet l-istess Kummissjoni ma sabitx raġunijiet validi li jiġġustifikaw l-ilment tar-rikorrenti li seta' jwassal għal bidla fir-riżultat;*

*5. Illi għaldaqstant l-azzjoni hekk kif proposta mir-rikorrenti u r-rimedju mfittex minnu ma jistgħu qatt jirnexxu, stante illi ma jattakkawx il-konklużjoni finali tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u li fl-aħħar mill-aħħar hija l-uniku organu vestit bis-setgħa skond l-istess Kostituzzjoni ta' Malta, li tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim'Ministru f'dak li jirrigwarda ħatra ta' uffiċjali pubbliċi;*

*6. Għaldaqstant dan it-Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti hekk kif imressqa fil-konfront ta' l-esponenti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; "*

Ra illi permezz ta' digriet datat 6 ta' Marzu 2015 gie kkjamat in kawza l-Onorevoli Prim Ministru;

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza **l-Onorevoli Prim Ministru**ypprezentata fid-9 ta' Lulju 2015 li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi l-esponent qiegħed iressaq s-segwenti eċċezzjonijiet illi qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzu għal xulxin:*

*1. Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari** l-esponent jeċepixxi illi dan l-Onorabbli Tribunal ma għandux il-kompetenza sabiex jisma' l-ilment tar-rikorrent u dan peress illi:*

*a) il-kompetenza ta' dan it-Tribunal tiskatta wara li jkun hemm att bħal ma hi xi deċiżjoni, magħmul minn organu amministrattiv. Fil-każ odjern għandu jirriżulta kjarament illi ma hemm l-ebda att amministrattiv li jista' jiġi sindikat minn dan l-Onorabbli Tribunal.*

*b) ħatriet fis-servizz pubbliku huma regolati b'leġislazzjoni speċjali u l-kodiċi għas-servizz pubbliku li ma jaqgħux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal; u*

*c) l-liġi tipprovdi rimedju ad hoc f'ċirkostanzi fejn persuna tħossha aggravata minn deċiżjoni rigward ħatriet jew promozzjonijiet fis-servizz pubbliku, liema rimedju diġa' ġie eżawrit mir-rikorrent;*

*Illi fil-mertu u bla preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

2. *Illi l-bord tal-għażla għamel użu minn kriterji li kienu predeterminati u għalhekk qatt ma setgħu kienu abbużivi hekk kif allegat mir-rikorrent u dan kif ser jiġi pruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

3. *Ir-riżultat tal-bord tal-għażla liema riżultat qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent, ġie approvat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u għaldaqstant huwa inutli illi r-rikorrent jitlob li jiġi skrutinizzat dak ir-riżultat u dan għaliex dak ir-rapport kien biss parti minn proċess sħiħ sabiex jintgħażel persuna sabiex tinħatar bħala uffiċjal pubbliku. Jingħad hawnhekk illi l-aġir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku la qiegħed u la jista' jiġi attakat jew sindakat permezz ta' din il-kawża;*

4. *Illi meta ġie ppublikat ir-riżultat ir-rikorrent kien ressaq l-ilmenti tiegħu u għaldaqstant ir-riżultat tal-bord tal-għażla reġa' ġie skrutinizzat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-istess Kummissjoni ma sabitx raġunijiet validi li jiġġustifikaw l-ilment tar-rikorrenti li seta' jwassal għal bidla fir-riżultat;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandhu jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Ra l-affidavit ta' Christine Schembri;[1]

Sema' x-xhieda ta' Ramon Deguara,[2] tar-rikorrent;[3] ta' Joe Callus[4] u ta' Joseph Fenech[5];

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat u dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Onorevoli Prim Ministru;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess eccezzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tad-Direttur intimat wara sejha ghall-kariga ta' *cleansing officer* fejn hu gie kklassifikat fit-tielet post u ghalhekk ma nghatax il-kariga. Huwa jsostni li l-ezercizzju tal-ghazla li sar kien wiehed abbuziv u rregolari sabiex jigu maghzula certi individwi u mhux ohrajn. Ghalhekk isostni li l-istess ghandu jerga' jsir sabiex ikun wiehed korrett u oggettiv u mhux deciz *a priori*.

---

[1] A fol. 43 sa 44
[2] A fol. 59 sa fol. 63
[3] A fol. 65 sa fol. 67
[4] A fol. 75 sa 81
[5] A fol. 83 sa fol. 85

Illi t-Tribunal ihoss li l-ewwel u qabel kollox ghandha tigi sorvolata kwistjoni mqajjma mid-difensur tar-rikorrent fis-sottomissjonijiet orali tieghu, u cioe` jekk il-kjamat in kawza l-Onorevoli Prim Ministru ipprezentax ir-risposta tieghu *fuori termine* jew le. Illi jirrizulta illi dan it-Tribunal ikkjama fil-kawza lill-Onorevoli Prim Ministru permezz ta' digriet datat 6 ta' Marzu 2015. Sussegwentement, fit-18 ta' Marzu 2015, l-Onorevoli Prim Ministru gie notifikat b'kopja ta' "Avviz".[6] Illi dan it-Tribunal ma kienx sodisfatt illi fil-fatt il-kjamat in kawza kien notifikat bir-rikors promutur ghax fil-verita` dak li kien hemm indikat fir-riferta kien li gie notifikat b'"Avviz". Illi ghalhekk it-Tribunal ordna li l-kjamat in kawza jerga' jigi notifikat bir-rikors promutur. Illi nonostante din l-ordni, fit-23 ta' Gunju 2015 ir-riferta terga' turi li l-kjamat in kawza rega' gie notifikat, ghal darb'ohra, b' "Avviz". Kien biss fis-6 ta' Lulju 2015 li jirrizulta li l-kjamat in kawza gie notifikat bir-rikors promutur u bid-digriet fejn gie kkjamat in kawza. Sussegwentement, fid-9 ta' Lulju 2015 l-istess kjamat in kawza ipprezenta r-risposta tieghu u ghalhekk jirrizulta li din giet ipprezentata entro l-ghoxrin (20) gurnata msemmija fil-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sorvolata din il-kwistjoni, dan it-Tribunal se jibda biex jitratta l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali intimat u cioe` li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet imressqa mir-rikorrent stante li huwa ma wettaq ebda eghmil amministrattiv li jista' jigi sindakat minn dan it-Tribunal.

Illi skond kif spjega **Joe Callus**, Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura, il-Bord tal-Ghazla jigi approvat mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku wara li l-istess Bord ikun gie propost mill-Ministeru koncernat. Jghid li fil-kaz odjern, Ramon Deguara li ghandu l-posizzjon ta' Direttur fid-Direttorat tat-Tindif fil-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura, ippropona li jkun hu Chairman tal-Bord tal-Ghazla u kemm hu u kemm id-Direttur Generali approvawh u mbaghad in-nomina tieghu tmur quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (iktar 'il quddiem imsejjha "il-Kummissjoni") li jistghu jirrifjutawha jew japprovawha.

Illi min-naha l-ohra, **r-rikorrent** jishaq li qabel ma saret l-ghazla kien qed jisma' li l-karigi in kwistjoni kienu hargu prattikament ghal certu Joe Fenech u Paul Formosa. Jghid li wara li hareg ir-rizultat huwa gie

[6] Ara riferta a fol. 28

mgharraf li gie fit-tielet post u kiteb lill-Kummissjoni fejn ilmenta dwar ir-rizultat pero` ma nghatax ragun.

Illi **Christine Schembri**, Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kummissjoni, spjegat illi l-Kummissjoni ghandha s-setgha li tbiddel rizultat ta' ghazla jekk jirrizulta li l-appell li intavolat persuna aggravata huwa wiehed fondat. Illi fil-kaz odjern il-Kummissjoni kienet approvat ir-rizultati wara li dawn kienu intbaghtulha mill-Bord ta' Selezzjoni fi hdan il-Ministeru koncernat. Tghid li fil-kaz odjern ir-rikorrent kien talab *break down* tal-marki li nghatawlu u pprezenta wkoll petizzjoni lill-Kummissjoni. Wara li l-Kummissjoni ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, ir-rikorrent gie nfurmat li ma rrizultax li kien hemm ragunijiet validi li jiggustifikaw l-ilmenti mressqa fl-imsemmija petizzjoni.[7] Sussegwentement, ir-rikorrent rega' ghamel sottomissjoniiet ohra,[8] wara liema l-Kummissjoni hadet decizjoni finali fejn gie deciz li ma kienx hemm ragunijiet validi li jiggustifikaw bidla fir-rizultat.[9]

Illi ghalhekk jirrizulta illi f'kaz ta' hatriet fis-servizz pubbliku, id-decizjoni fil-verita` tohodha l-Kummissjoni. Illi d-Direttur Generali ntimat ma jaghtix hatriet mas-servizz pubbliku, izda hija l-Kummissjoni li taghmel dan, u hija din l-istess Kummissjoni li ghandha d-dritt u l-obbligu li tevalwa c-cirkostanzi tal-kaz u taghti d-decizjoni taghha. Illi skond Regolament 17 (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja Kost.01 *"Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li proċess tal-għażla ma sarx skont il-prinċipju tal-mertu, tista' tieħu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq*
*bħala rimedju, inkluż:*

*(i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' proċess tal-għażla;*

*(ii) l-ikkanċellar ta' sejħa għall-applikazzjonijiet, u l-pubblikazzjoni sussegwenti ta' sejħa riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi;*

*(iii) l-annullament ta' riżultat tal-għażla;*

*(iv) il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra, suġġett għar-regolament 23(2), u*

*(v) il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet oħra kif xieraq, biex jittieħdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi"*

[7] Ara Dok CS1 a fol. 45
[8] Ara a fol. 47 u 48
[9] Dok CS2 a fol. 46

Jidher li fl-ezercizzju li l-Kummissjoni ghamlet, wara li giet hekk mitluba mir-rikorrent, ma sabet xejn li abbazi tieghu setghet tezercita l-poteri hawn fuq imsemmija. Min-naha l-ohra, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ilment fil-konfront tal-Kummissjoni li jista' jigi sindikat mill-Qrati ordinarji.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-Direttur Generali intimat ghandu ragun fl-ewwel eccezzjoni tieghu u ghalhekk se tigi milqugha u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi sorvolata l-ewwel eccezjoni tad-Direttur Generali intimat, it-Tribunal se jghaddi issa biex jezamina l-ewwel eccezzjoni tal-Onorevoli Prim Ministru dwar jekk dan it-Tribunal ghandux kompetenza jiddeciedi dwar l-ilment tar-rikorrent.

Illi l-Onorevoli Prim Ministru jibbaza din l-eccezzjoni fuq tlett aspetti u cioe`:-

1. Illi ma kien hemm l-ebda att amministrattiv li jista' jigi sindikat minn dan it-Tribunal;
2. Li hatriet fis-servizz pubbliku huma regolati b'legislazzjoni specjali u l-Kodici ghas-Servizz Pubbliku li ma jaqghux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal;
3. Li l-ligi tipprovdi rimedju *ad hoc* fejn persuna thossha aggravata minn decizjoni dwar hatriet jew promozzjonijiet fis-servizz pubbliku;

Illi decizjoni tal-Kummissjoni hija sindakabbli biss jekk l-istess Kummissjoni ma ssegwix ir-regoli ta' procedura, jew jekk il-Kummissjoni tagixxi bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem jew bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha.[10]

Illi ladarba l-Kummissjoni harget id-decizjoni taghha, allura r-rikorrent kellu rikors ghal quddiem il-Qrati ordinarji abbazi tal-fuq imsemmija aggravji. Ir-rikorrent kjarament m'ghamel l-ebda ilment rigward id-decizjoni jew l-agir tal-Kummissjoni, li *del resto* ma hix parti f'din il-kawza. Illi kif gia` gie accennat iktar 'il fuq, id-decizjoni ahharija ma kinitx f'idejn id-Direttur Generali intimat izda f'idejn l-istess Kummissjoni u kwindi d-decizjoni li setghet tigi attakkata kienet id-

[10] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Dr. Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura** (Qorti Civili, Prim'Awla 20 ta' Ottubru 2005) u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Lulju, 2008

decizjoni tal-istess Kummissjoni li pero` jerga' jinghad ma hix parti f'din il-kawza.

Illi, pero`, iktar minn hekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa ma jistghax jissindika d-decizjoni odjerna kif mitlub. Illi l-istess Tribunal gie kostitwit permezz tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika. Illi l-kompetenza tal-istess Tribunal temani minn artikolu 5, 7 u 25 (2) tal-istess Att. Artikolu 5 jiddisponi illi "*qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti w imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta' l-ezercizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-ligi, jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att. It-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva jkollu* **l***-komptenza li jirrivedi atti amministrattivi.*" Artikolu 7 min-naha l-ohra jipprovdi illi "*it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima.*"

Illi jekk imbaghad wiehed jara artikolu 25 (2) isib illi mad-dhul fis-sehh tal-istess Att, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kellu jkollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fil-liġijiet elenkati fit-Tielet Skeda, qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess ligi. Illi madankollu jirrizulta li l-imsemmija Tielet Skeda giet imhollija barra taħt l-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji u l-emendi li kien hemm fl-Iskeda ġew inkorporati fil-leġislazzjoni relattiva. Hekk perezempju wiehed isib dritt ta' appell f'certi cirkostanzi minn decizjoniet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta[11], minn decizjonijiet tat-*Transfer of Residence Exemptions Board*[12], u minn decizjonijiet tal-Awtorita` Maltija Dwar ir-Rizorsi,[13] fost ohrajn.

Illi, issa, fil-kaz odjern dak li r-rikorrent qieghed jitlob li jigi sindikat hija decizjoni ta' hatra jew ghoti ta' kariga fis-servizz pubbliku, liema hatriet u karigi huma regolati b'legislazzjoni specjali u l-Kodici ghas-Servizz Pubbliku. Illi skond artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta : *"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq,*

[11] Artikolu 40 tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta
[12] Regolament 4 (10) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01
[13] Artikolu34 tal- Kaptiolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta

*persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku."*

Illi kif gie spjegat numru ta' drabi,[14] dan it-Tribunal irid jimxi u jopera fil-parametri tal-ligi li holqitu u ma jistghax jezamina u jirrevedi atti jew decizjonijiet li ma jkunx inghata s-setgha li jirrevedi. Illi issa fil-kaz odjern dak li qed jattakka r-rikorrent huwa l-ezercizzju tal-ghazla. Illi minn imkien ma jirrizulta illi dan it-Tribunal ghandu l-poter li jissindika tali ezercizzju u dan ghaliex fl-ebda ligi jew Regolament li jirregolaw il-promozzjonijiet fis-servizz pubbliku ma jinsab dispost li dan it-Tribunal ghandu xi poter bhal ma hemm fil-Ligijiet citati iktar 'il fuq.

Illi dan kollu hu rafforzat mill-emendi ricentement introdotti ghall-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva fejn artikolu 5 (2) tal-istess Att gie emendat bis-segwenti:-

*"(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."*[15]

Illi ghalhekk jidher li l-Legislatur hass il-bzonn li jaghmel aktar car il-parametri *entro* liema dan it-Tribunal huwa kompetenti li jopera, u dan peress li minn mindu gie mwaqqaf dan it-Tribunal minn zmien ghal zmien iqumu kwistjonijiet ta' kompetenza.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kjamat in kawza l-Onorevoli Prim'Ministru ghandu ragun fl-ewwel eccezzjoni tieghu peress li dan it-Tribunal mhux kompetenti jiddeciedi dwar it-talbiet imressqa mir-rikorrent.

## DECIDE

Ghadaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali intimat u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed ukoll jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza l-Onorevoli Prim'Ministru in kwantu l-istess Tribunal huwa inkompetenti *rationae materiae* jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti u jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

[14] Ara sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Joseph Farrugia vs Korporazzjoni Enemalta** datata 16 ta' Gunju 2015 u **Carmelo Butler vs Direttur tal-Habs et** datata 7 ta' Mejju 2014
[15] Att IV tal-2016

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**